MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 1073/2006

**Talba Nru: 1073/06VGD**

Pass Developers Limited (C20861).

Vs

Amabile Grech

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna ghall-hlas minghand il-konvenut tas-somma ta’ elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080.00) rapprezentanti bilanc ta’ hlas ta’ xoghol ezegwit mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-konvenut, liema xoghol gie miftiehem f’kuntratt anness u markat Dok. ‘A’ u liema hlas gie stabbilit permezz ta’ kontijiet mahduma mill-perit

Marvin Ellul annessi u mmarkati Dok. B u Dok. C, kif ukoll invoices tas-socjeta' attrici Dok. D. u Dok. E.  Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-Artikolu 166A (Kap.12).

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talba tas-socjeta' attrici mhix dovuta u dan peress li l-konvenut hallas lis-socjeta' attrici u ta' dan ghandu l-ircevuti x'juri u li huwa ma kienx baqalu xi jhallas, u illi t-talbiet tas-socjeta' attrici qedin isiru wara li l-konvenut kien ilmenta dwar l-ircevuti li wahda minnhom kienet bil-VAT u l-ohra ma kienitx ircevuta fiskali.  Bl-ispejjes.

Sema x-xhieda ta' Anthony Ciantar prodott mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf u tmenin lira Maltin (Lm1,080.00).  L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------